MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 287/2012

Il-Pulizija

(Spettur Maria Stella Attard)

vs

**Jonathan Bonnett**

iben Giovanni, imwieled Pieta', detentur tal-karta ta' l-identita' numru 67794(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Jonathan Bonnett, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli talli fis-27 ta' Marzu 2011, ghal-habta tat-3.15p.m. f' Hal-Far, waqt li kien qed isuq mutur tal-marka 'Yamaha 80hp':

1. Saq l-imsemmi mutur minghajr ma kelleu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita' ghat-Trasport Malta taht dik il-kategorija specifikata biex isuq l-imsemmi mutur;
2. Saq l-imsemmi mutur minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
3. Saq l-imsemmi mutur minghajr ma kien liebes 'crash helmet';

4. Kellu fil-pussess tieghu jew taht ir-responsabbilta' tieghu l-imsemmi mutur tal-marka 'YAMAHA 80hp' li ma kienx gie registrat ma' l-Awtorita' ghat- Trasport f' Malta;
5. Saq l-imsemmi mutur minghajr pjanci tan-numri tar-registrazzjoni.
Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata milli tiehu jew ikollha ebda licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien ta' mhux anqas minn tnax-il xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-29 ta’ Mejju, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65, l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104; l-artikolu 123(2) tal-LS.65.11 u l-artikoli 3 u 32(7) tat-368.02.
Peress illi deher ampjament ippruvat illi tlett Pulizija raw lill-imputat isuq fit-triq u ghalhekk ix-xhieda ta' l-imputat li huwa qal li saq il-mutur go ghalqa ma kienet xejn veritjera.
Il-Qorti ghalhekk filwaqt li rat illi l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront ta' l-imputat gew ippruvati, sabet lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal hlas ta' Multa ta' elfejn u erba' mitt Ewro (€2,400) pagabbli fuq medda ta' sentejn u sospenzzjoni milli jkollu licenzja ghall-zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant Jonathan Bonnett minnu pprezentat fis-6 ta’ Gunju, 2012 fejn talab li din il-Qorti jogħoġobha thassar is-sentenza tad-29 ta' Mejju 2012 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Jonathan Bonnett" moghtija mill-Qorti tal-Magistrati u tillibera lill-appellant minn kull akkuza u bla pregudizzju ghal dan, b'mod sussidjarju f’kaz ta' ezitu sfavorevoli, tikkonferma s-sentenza 'de quo' fil-parti tas-sejbien tal-htija u tghaddi biex timponi piena aktar ekwa skont ic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi bid-dovut rispett l-ewwel Qorti zbaljat meta ddecidiet li l-ghalqa 'de quo' - li hi fizikament distinta mit-triq - hija parti mit-triq pubblika. M'hijiex parti mit-triq ghaliex trid titla' ghaliha b'rampa li bil-kemm tghaddi karozza minnha, u ghalhekk hi maqtugha kompletament mit-triq.
Ghalhekk isegwe li l-esponenti ma saqx dan il-mutur fit-triq imma f’parti li m'hijiex triq, allura l-akkuzi ma jistghux jigu porvati.
Illi bla hsara ghall-ewwel aggravju, Jonathan Bonnett ma kellux 18-il sena meta sar il-fatt u ghalhekk bla hsara, kellu jibbenefika minn mitigazzjoni fil-piena skont il-Ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.
F’dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta’ Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta’ Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta’ Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta’ Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta’ April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta’ Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef; kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta’ l-aggravji

Illi din il-Qorti kellha terga tisma' mill-gdid ix-xhieda moghtija quddiem l-ewwel Qorti minhabba l-fatt li din ma gietx traskritta skont il-prassi normali f'dawn il-kazijiet.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fil-gurnata u fil-hin indikat vettura tas-servizz tal-pulizja kienet ghaddejja minn Hal-Far. Fil-vettura in kwistjoni kien hemm tlett pulizija. In sintesi t-tlett pulizija xehdu li raw zewg muturi zghar misjuqa fit-triq. L-imputat appellant, flimkien

ma siehbu Jonathan Vella, ma kienux libsien 'crash helmet' u ghalhekk il-pulizija ddecidew li jwaqqfuhom.

Illi PS305 Alfred Gauci kien ferm specifiku fix-xhieda tieghu. Hu rahom, l-appellant inkluz, fuq bicca triq imharbta, mhux bit-tarmac, izda wara qasmu t-triq u regghu dahlu go area fejn mhemmx it-tarmac. Din il-bicca mharbta hi deskritta minn PC77 Charles Parnis, skont ix-xhieda tieghu, li huma baqghu sejrin fuq il-hamrija.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-appellant u siehbu qasmu triq pubbliku biex imorru minn ghalqa ghall-ohra.

Illi PS305 Alfred Gauci xehed li huma saqu warajhom u waqqfuhom hdejn fabbrika. Hemmhekk, gie konstatat li dan il-mutur ma kellhux pjanca, li l-appellant ma kienx liebes 'crash helmet', li ma kienx kopert b'insurance u li ma kellhux licenzja tas-sewqan ghal dik il-kategorija.
Mix-xhieda tar-rappresentant ta' 'Transport Malta' gie ppruvat ukoll li dan il-mutur ma kienx registrat, kif suppost kellhu jkun. Kieku dan il-mutur instaq biss fuq l-imharbat jew go ghalqa ma kienx ikun hemm bzonn la ta' pjanca, la ta' insurance (illum dawn it-tip ta' muturi ghandhom bzonn insurance) u ebda licenzja. L-obbligu ta' 'crash helmet' kien tassattiv.

Illi mix-xhieda tal-appellant rrizulta li fil-fatt hu u siehbu kellhom jinzlu fit-triq ghaliex il-mutur li kien qed isuq kellhu puncture. Stranament, il-pulizija li marru fuqhom ma gewx infurmati b'dan il-fatt.

Illi a bazi ta' dawn il-provi prodotti ma hemm ebda dubju li l-mutur misjuq mill-appellant, gie misjuq fi triq pubblika, anki jekk ghal distanza zghira. Dan ifisser illi l-obbligi naxxenti minn sewqan fi triq pubblika ghandhom ikunu rispettati fl-aspetti kollha.

Illi ghalhekk, il-prosekuzzjoni ppruvat l-akkuzi kollha migjuba kontra l-appellant Jonathan Bonnett izda minhabba dawn il-fatti din il-Qorti ser tvarja l-piena nflitta.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda l-htija tal-appellant. Dwar il-piena, tikkonferma l-multa nflitta izda thassar u tirrevoka s-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------